MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 293/2003

**Brian Tyre Services Limited**

**vs**

**Charmaine Mangion
u
Alexander Mangion**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Gunju tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma ta' elf u tminn mitt Lira Maltin (LM1,800.00,0) rappresentanti kreditu**

**minnhom dovut ai termini tal-ftehim tat-13 ta' Lulju tas-sena 2001 in konnessjoni mal-akkwist tal-vettura tal-marka Seat Marbella, numru ta' registrazzjoni BAJ-563;**

**2. Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom;**

**Rat in-nota tal-konvenuta Charmaine Mangion datata t-2 ta' Lulju tas-sena 2003 li biha ammettiet it-talbiet attrici;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut Alexander Mangion iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut Alexander Mangion naqas u ma deherx, la fit-30 ta' Marzu tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi ghar-ragunijiet fuq premessi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------